



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.3.2022
COM(2022) 140 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Nagħmlu l-prodotti sostenibbli bħala n-norma

1. INTRODUZZJONI

L-okkorrenza simultanja ta' kriżijiet kbar u ta' xokkijiet ekonomiċi f'dawn l-aħħar snin affettwat kull parti tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-UE. L-aħħar u l-aqwal waħda f'din is-serje – l-invażjoni bla ħniena u mhux ipprovokata tal-Ukrajna min-naħa tar-Russja – hija differenti fin-natura tagħha mill-pandemija u mill-irkupru jew mill-ħtieġa dejjem aktar urġenti għal risposta għall-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità. Is-sitwazzjoni ġeopolitika li din gābet magħha tqiegħed aktar pressjoni fuq in-nies u n-negozji fl-Ewropa u lil hinn minnha, fi żminijiet meta l-Unjoni Ewropea, l-Ukrajna u d-dinja iġġenerali kienu qed jistennew bil-ħerqa biex jibdwu jibnu mill-ġdid u aħjar.

Iżda dawn il-kriżijiet għandhom ukoll ħafna affarijiet komuni, u jgħeġġluna nqajmu dubbi dwar is-suppożizzjonijiet, biex naħsbu mill-ġdid dwar il-mudell ekonomiku tagħna u biex naħdmu fuq it-tfassil mill-ġdid tas-sistema tal-enerġija tagħna. Għal darba oħra gējna kkonfrontati bid-dipendenzi tagħna stess u bil-vulnerabbiltajiet li dawn jistgħu jwasslu għalihom f'termini ta' sigurtà tal-provvista, pressjoni finanzjarja fuq l-unitajiet domestiċi u xokkijiet għan-negozji li l-operazzjonijiet ta' kuljum u s-sopravivenza fit-tul tagħhom jinsabu f'riskju.

Dan jindika l-ħtieġa li nħarsu lejn kif nistgħu ntejbu l-benesseri taċ-ċittadini tagħna u niżguraw it-tkabbir ekonomiku sostenibbli billi nużaw aħjar ir-riżorsi u l-materjali li jiffurmaw il-prodotti li nużaw kuljum, kif ukoll billi ntejbu l-prodotti nfushom. Billi l-prodotti nagħmluhom jikkunsmaw inqas enerġija, billi nużawhom b'mod aktar effiċjenti u għal żmien itwal, billi nibbażaw fuq materja prima riċklata minflok fuq materja prima primarja, u billi nxerrdu mudelli ekonomiċi ċirkolari tal-aqwa kwalità, nistgħu niddiżakkoppjaw it-tkabbir ekonomiku tagħna mill-użu tar-riżorsi naturali u mid-degradazzjoni ambjentali. Billi nippromwovu approċċ armonizzat fil-livell tal-UE, nistgħu nagħtu spinta lill-kompetittività, noħolqu opportunitajiet ta' negozju u impjegi ġodda, inrawmu l-ekoloġizzazzjoni tas-suq uniku f'konformità mal-aġenda tat-tkabbir sostenibbli tal-Patt Ekoloġiku Ewropew¹, nippermettu lill-konsumaturi jiffrankaw mill-kostijiet, u nagħmlu l-ekonomija tal-UE aktar reżiljenti għat-tfixkil fil-ktajjen tal-valur globali integrati. Barra minn hekk, dan se jifforma kontribut deċiżiv għall-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050, biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u biex tinkiseb l-ambizzjoni tagħna ta' tniġġis żero.

Filwaqt li sar progress f'dawn l-aħħar snin, l-impatti ambjentali tal-konsum għandhom qed jimbuttawna 'l barra mill-ispazju operattiv sikur għall-umanità, peress li qbiżna l-limiti planetarji b'diversi modi fl-UE². Globalment, nofs l-emissjonijiet kollha tal-gassijiet serra u 90 % tat-telf tal-bijodiversità huma kkawżati mill-estrazzjoni u mill-ipproċessar ta' materja prima primarja³, filwaqt li l-mudell lineari li għadu prevalenti tal-ekonomija tagħna hu→ agħmel → armi jwassal għal ħela sinifikanti ta' riżorsi. Sabiex l-UE tirnexxi fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari effiċjenti fir-riżorsi, newtrali għall-klima u ħielsa mit-tniġġis u tnaqqas id-dipendenzi tagħha fuq l-enerġija u r-riżorsi, neħtieġu b'mod urġenti approċċ ġdid għall-mod kif infasslu, nagħmlu u nużaw il-prodotti. L-UE se

¹ COM(2019) 640 final

² Sala, S *et al.* (2020). Environmental sustainability of European production and consumption assessed against planetary boundaries. *Journal of environmental management*, 269, 110686

³ UN International Resources Panel Global Outlook 2019 – Natural Resources for the Future we Want. <https://www.resourcepanel.org/reports/global-resources-outlook>

tippromwovi dan l-approċċ internazzjonalment ukoll, u b'hekk issaħħaħ is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur globali.

Il-pakkett tal-lum ta' inizjattivi interkonnessi dwar prodotti sostenibbli, ippreżentat f'din il-Komunikazzjoni, għandu l-għan li jqarreb dan l-approċċ il-ġdid b'mod sinifikanti lejn ir-realtà, filwaqt li jibni fuq dak li diġà sar. L-UE diġà tistabbilixxi rekwiżiti ambjentali minimi għal ċerti prodotti jew setturi, bħal prodotti relatati mal-enerġija, l-imballaġġ u s-sustanzi kimiċi. Dawn ir-rekwiżiti għenu biex titnaqqas b'mod sostanzjali l-impronta ambjentali u klimatika tal-UE, inkluż il-konsum tal-enerġija. Pereżempju, l-effett kumulattiv tar-regoli attwali tal-UE dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija jfisser konsum tal-enerġija annwali li jkun 10 % aktar baxx mill-prodotti kkonċernati, meta mqabbel mal-konsum tal-enerġija fil-Polonja⁴, u jnaqqas id-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili, inkluż mir-Russja. Madankollu, ir-regoli eżistenti jkopru biss sehem limitat tal-oġġetti kkummerċjalizzati fl-UE u ma jhegħgux b'mod sistematiku ċ-ċirkolarità, u lanqas ma jindirizzaw ħafna mill-modi li bihom il-prodotti jħallu impatt fuq il-klima u l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Barra minn hekk, għad hemm potenzjal sinifikanti biex jitnaqqas l-użu tal-enerġija ta' prodotti relatati mal-enerġija.

Din hija r-raġuni għaliex il-proposta għal **Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli**⁵ hija fil-qalba tal-pakkett tal-lum. Peress li d-disinn tal-prodott jiddetta sa 80 % tal-impatt ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu⁶, il-proposta testendi l-ambitu tal-qafas tal-Ekodisinn biex ikopri l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' prodotti. Dan jipprevedi l-istabbiliment ta' kriterji minimi mhux biss għall-effiċjenza enerġetika iżda wkoll għaċ-ċirkolarità u għal tnaqqis ġenerali tal-impronta ambjentali u klimatika tal-prodotti. Sakemm il-qafas il-ġdid jidħol fis-seħħ, id-Direttiva dwar l-Ekodisinn eżistenti se tkompli tixpruna t-titjib fl-effiċjenza enerġetika u ċ-ċirkolarità. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni qiegħda tadotta flimkien mal-proposta l-ġdida, **Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija għall-2022-2024** biex jiġu koperti prodotti ġodda relatati mal-enerġija u biex taġġorna u żżid l-ambizzjoni għall-prodotti li diġà huma regolati.

Biex dan jiġi appoġġat, inizjattivi settorjali mmirati -- **l-Istrateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari**⁷ u **r-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini**⁸ -- huma ppreżentati bħala parti mill-pakkett biex jiġu indirizzati dawn iż-żewġ gruppi ta' prodotti prijoritarji li għandhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent u l-klima. Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jibqgħu proponenti attivi tat-tranżizzjoni, il-Kummissjoni qiegħda tressaq ukoll **proposta leġislattiva biex Tagħti s-Setgħa lill-Konsumaturi fit-Tranżizzjoni Ekoloġika**⁹ li tintroduċi emendi mmirati biex tiġi żgurata l-"ekoloġizzazzjoni" meħtieġa tal-liġi orizzontali tal-konsumatur tal-UE.

Billi jgħibu approċċ komuni għall-prodotti fl-UE, il-proposti tagħna se jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji li joperaw fis-suq uniku u biex l-UE ssir entità li tistabbilixxi l-istandards fil-qasam tal-prodotti sostenibbli. Sabiex jiġi żgurat li l-bidla lejn prodotti aktar sostenibbli tibda b'mod li jtaffi l-kostijiet u l-isfidi tat-

⁴ Meta mqabbla ma' "xenarju ta' żamma tal-istatus quo", fejn ma jkun hemm l-ebda regola tal-ekodisinn fis-seħħ. Ecodesign Impact Accounting Overview Report 2020

⁵ [COM\(2022\) 142](#)

⁶ <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/4d42d597-4f92-4498-8e1d-857cc157e6db>

⁷ [COM\(2022\) 141](#)

⁸ [COM\(2022\) 144](#)

⁹ [COM\(2022\) 143](#)

tranżizzjoni, l-għażla tal-gruppi ta' prodotti u l-istabbiliment ta' regoli speċifiċi għall-prodott se jkunu soġġetti għal ippjanar fit-tul fi proċess inklużiv ta' kokreazzjoni, kif ukoll għal valutazzjonijiet tal-impatt rigorużi, inkluż fir-rigward tal-affordabbiltà għall-konsumaturi, l-impatti fuq il-kompetittività u l-piż amministrattiv.

Diversi Stati Membri diġà bdew jistabbilixxu waħedhom rekwiżiti ta' sostenibbiltà ambjentali fuq il-prodotti¹⁰ u ċ-ċittadini qed jitolbuhom dejjem aktar biex imorru lil hinn u b'rata aktar mgħaġġla. Dan jirriskja li jifframmenta s-suq uniku permezz ta' regoli nazzjonali diverġenti, li jikkomplicaw u jżidu l-kostijiet tan-negozju. Ir-regoli armonizzati tal-UE se jevitaw tali distorsjonijiet tas-suq, se jiskalaw is-suq għal prodotti ambjentalment sostenibbli u fl-aħħar nett se jnaqqsu l-kostijiet ta' konformità u l-piż amministrattiv għan-negozji li joperaw madwar l-UE.

Hemm ukoll ħafna opportunitajiet oħra ta' ffrankar tal-kostijiet għan-negozji, minħabba l-iskarsezza dejjem akbar ta' riżorsi naturali primarji, l-isfidi fil-provvista tal-materja prima u l-volatilità tal-prezzijiet tagħhom. Billi jfasslu mill-ġdid il-mudelli kummerċjali, il-proċessi ta' produzzjoni u l-prodotti, billi jtawlu l-ħajja tal-prodotti jew billi jottimizzaw l-użu tagħhom, u billi jipparteċipaw f'suq li jiffunzjona tajjeb għall-materja prima sekondarja, in-negozji jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-kostijiet tagħhom għall-ġestjoni tal-materjali, tal-enerġija u tal-iskart u jtejbu r-reżiljenza tagħhom. L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali kellhom rwol pijunier fit-tfassil u l-espansjoni tal-attivitajiet tal-ekonomija ċirkolari, bħall-elettronika u r-riċiklaġġ tat-tessuti, l-oġġetti tal-konsumatur li jistgħu jerġgħu jintużaw, l-attivitajiet ta' tiswija u ta' manifattura mill-ġdid¹¹. Soluzzjonijiet diġitali ġodda, ukoll, jiffrimha opportunitajiet kbar biex jitfasslu mill-ġdid mudelli tan-negozju għall-effiċjenza fl-enerġija, għaċ-ċirkolarità u għal sostenibbiltà ambjentali usa'.

Il-kumpaniji ewlenin f'diversi ekosistemi industrijali diġà ħaddnu din it-tranżizzjoni.

Qafas regolatorju ċar u armonizzat dwar is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti se jipprovdi l-kundizzjonijiet għal dan l-approċċ biex isir mainstream u jixpruna lill-kumpaniji li jixtru u li jbigħu fis-swieq tal-UE biex jinnovaw ruħhom u jinvestu f'mudelli ta' negozju ċirkolari u l-prodotti ta' għada.


Dan kollu jestendi b'mod sinifikanti l-firxa ta' prodotti ambjentalment sostenibbli disponibbli għall-konsumaturi tal-UE u jagħmilhom l-għażla mainstream. Illum is-sehem mis-suq ta' prodotti bħal dawn għadu limitat, u dan jaffettwa wkoll id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tagħhom għall-konsumaturi. Iżda l-esperjenza tal-UE diġà wriet li l-ekodisinn, meta jseħħ fuq skala akbar, iwassal għal iffrankar notevoli tal-kostijiet. Fl-2021 biss, ir-rekwiżiti eżistenti tal-ekodisinn għall-prodotti relatati mal-enerġija ffrankaw EUR 120 biljun, anke jekk jitqiesu l-kostijiet tal-akkwiżizzjoni¹². Jista' jkun hemm ħafna aktar iffrankar jekk nirrimedjaw il-problema li l-konsumaturi jiġu ffaċċjati bi prodotti li għandhom ħajja qasira u li ma jistgħux jissewwew, jew li ma għandhomx aċċess suffiċjenti għal mudelli tan-negozju ċirkolari. Jekk tikkombina dan mal-informazzjoni x-xierqa għall-konsumaturi u filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra l-greenwashing, l-

¹⁰ Jekk jogħġbok ara l-Anness 7 ta' SWD(2022) 82

¹¹ OECD policy brief on Making the most of the social economy's contribution to the circular economy (2022), <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/be4e83a2-735a-11ec-9136-01aa75ed71a1/language-en>

¹² Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija għall-2022-2024

UE tagħti s-setgħa b'mod sinifikanti lill-konsumaturi tagħha għat-tranżizzjoni ekoloġika u tagħmel il-prodotti sostenibbli bħala n-norma, filwaqt li tispira lill-bqija tad-dinja biex issegwi l-eżempju.



Ħarsa ġenerali lejn l-inizjattivi fil-pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari

2. L-AMBIZZJONI TAGĦNA: LI NAGĦMLU L-PRODOTTI SOSTENIBBLI BĦALA N-NORMA

It-tfassil ta' prodotti aktar sostenibbli, ċirkolari u bi prestazzjoni enerġetika

Ir-Regolament propost dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR) huwa l-pedament tal-approċċ tal-Kummissjoni għal prodotti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali u ċirkolari. Dan jistabbilixxi l-qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal kategoriji speċifiċi ta' prodotti biex itejbu b'mod sinifikanti ċ-ċirkolarità, il-prestazzjoni tal-enerġija u aspetti oħra tas-sostenibbiltà ambjentali tagħhom. Dan jibni fuq l-effettività ppruvata tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn fir-rigward ta' prodotti relatati mal-enerġija u se jippermetti li jiġi stabbiliti rekwiżiti minimi għall-ekodisinn u għall-informazzjoni għal kważi l-kategoriji kollha ta' prodotti fiżiċi mqiegħda fis-suq tal-UE¹³. Għal gruppi ta' prodotti li għandhom biżżejjed karatteristiċi komuni, jistgħu jiġu stabbiliti regoli orizzontali.

¹³ B'xi eċċezzjonijiet notevoli, bħall-ikel u l-għalf kif definiti fil-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (ir-Regolament KE Nru 178/2002).

Dawn ir-rekwiżiti tal-ekodisinn se jitfasslu apposta skont il-karatteristiċi partikolari tal-gruppi ta' prodotti kkonċernati. L-identifikazzjoni u l-iżvilupp tagħhom se jqisu l-potenzjal għat-titjib u l-effettività relattiva fit-twassil ta' aktar effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija, li jippermettu ħajja itwal tal-prodott u jimmassimizzaw il-valur inkorporat fil-materjali, inaqqsu t-tniġġis u l-impatt ġenerali tal-prodotti fuq il-klima u l-ambjent. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn, kif xieraq skont il-kategoriji tal-prodotti li għandhom jiġu regolati, se jkopru:

- id-durabbiltà, l-affidabbiltà, l-użu mill-ġdid, it-titjib fil-kwalità, il-possibbiltà ta' tiswija, il-faċilità tal-manutenzjoni u r-rinnovazzjoni tal-prodotti;
- ir-restrizzjonijiet fuq il-preżenza ta' sustanzi li jinibixxu ċ-ċirkolarità tal-prodotti u l-materjali;
- l-użu tal-enerġija jew l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti;
- l-użu tar-riżorsi jew l-effiċjenza fir-riżorsi tal-prodotti;
- il-kontenut minimu riċiklat fil-prodotti;
- il-faċilità taż-żarmar, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-prodotti u tal-materjali;
- l-impatt ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, inklużi l-impronti tal-karbonju u ambjentali tagħhom;
- il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart, inkluż l-iskart mill-imballaġġ.

Għajjnuna lin-negozji u lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet aktar infurmati

Minbarra li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar kif għandhom isiru l-prodotti, ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR) huwa wkoll qafas biex jiġu stabbiliti **rekwiżiti biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti**. Skont il-prodott ikkonċernat, dan jista' jinkludi informazzjoni dwar l-użu tal-enerġija, il-kontenut riċiklat, il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib, id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, inkluż punteġġ tal-possibbiltà ta' tiswija, id-disponibbiltà ta' spare parts u r-riċiklabbiltà.

Il-passaporti diġitali tal-prodotti se jkunu n-norma għall-prodotti kollha rregolati skont l-ESPR, u dan jippermetti li l-prodotti jiġu ttikkettati, identifikati u marbuta mad-data rilevanti għaċ-ċirkolarità u għas-sostenibbiltà tagħhom. It-tnedija ta' dan l-approċċ għad-data dwar is-sostenibbiltà ambjentali tista' twitti wkoll it-triq għal kondivizzjoni volontarja usa' tad-data, li tmur lil hinn mill-prodotti u mir-rekwiżiti rregolati skont l-ESPR. Barra minn hekk, il-passaporti tal-prodotti jistgħu jintużaw għal informazzjoni dwar aspetti oħra ta' sostenibbiltà applikabbli għall-grupp ta' prodotti rilevanti skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

L-istruttura ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u t-trażmissjoni tagħha permezz ta' passaporti diġitali tal-prodotti se tgħin lin-negozji tul il-katina tal-valur, mill-manifatturi, importaturi u distributuri san-negozjanti, sewwejjja, manifatturi mill-ġdid u riċiklaturi, sabiex jaċċessaw informazzjoni li hija siewja fil-ħidma tagħhom biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali, itawlu l-ħajja tal-prodott, isaħħu l-effiċjenza u l-użu ta' materja prima sekondarja, u b'hekk inaqqsu l-ħtieġa għal riżorsi naturali primarji, jiffrankaw il-kostijiet u jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi. Dan se jgħin

ukoll biex tiġi individwata l-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-materjali u tal-prodotti, jiġu segwiti l-impenji li saru fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà¹⁴ u jingħata kontribut għall-għan tal-UE li tikseb tniġġis żero. Il-passaporti diġitali tal-prodotti jistgħu jippermettu wkoll lill-konsumaturi jagħmlu għażliet aktar infurmati, itejbu t-trasparenza għall-organizzazzjonijiet ta' interess pubbliku u jgħinu lill-awtoritajiet nazzjonali fil-ħidma tagħhom ta' infurzar u ta' sorveljanza.

L-ESPR se jippermetti wkoll lill-UE tistabbilixxi **rekwiżiti ta' tikkettar**, pereżempju dwar il-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti. It-Tikketti tal-Enerġija tal-Unjoni Ewropea l-ġodda se jinkorporaw aspetti ta' ċirkolarità, bħal punteġġ għat-tiswija, permezz ta' informazzjoni supplimentari. Għal prodotti oħra, it-tikketta l-ġdida tal-ESPR se tipprovdi tali informazzjoni. Xi prodotti jista' jkollhom kemm it-Tikketta tal-Enerġija tal-UE kif ukoll tikketta tal-ESPR, f'każ li jkun hemm evidenza li dan se jkun aktar effettiv għall-konsumaturi u inqas ta' piż għall-industrija. Kif muri mit-Tikketta tal-Enerġija tal-UE¹⁵, l-għoti obligatorju ta' informazzjoni ewlenija fil-mument tax-xiri jista' jkun mod effettiv biex tingħata informazzjoni dwar l-aspetti rilevanti tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti, b'mod partikolari meta dan jippermetti tqabbil faċli tal-prodotti f'kategorija partikolari.

B'mod parallel mal-iżvilupp ta' regoli speċifiċi għall-prodott skont l-ESPRu f'sinerġija miegħu, il-Kummissjoni se taħdem biex tirrieżamina jew tistabbilixxi kriterji ġodda speċifiċi għall-prodott skont **l-Ekotikketta tal-UE**. Din hija tikketta magħrufa sew u affidabbli li rrikonoxxiet u ċċertifikat prodotti bi prestazzjoni ambjentali għolja għal 30 sena madwar l-UE.

Il-waqfien tal-qerda ta' oġġetti tal-konsumatur mhux mibjugħin

L-ESPR propost jinkludi miżuri għall-**prevenzjoni u għall-waqfien tal-qerda ta' oġġetti tal-konsumatur mhux mibjugħin**. Bħala l-ewwel pass, negozji kbar li jarmu prodotti mhux mibjugħin se jkollhom jiddivulgaw l-ammont ta' prodotti li jarmu kull sena, jipprovdu raġunijiet għall-volumi mormija u informazzjoni dwar il-volum ta' prodotti mormija mibgħuta għall-operazzjonijiet ta' użu mill-ġdid, ta' manifattura mill-ġdid, ta' riċiklaġġ, ta' rkupru tal-enerġija u ta' rimi, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. Ir-regolament se jipprovdi wkoll il-possibbiltà li tiġi pprojbita kompletament il-qerda ta' prodotti mhux mibjugħin, skont il-kategoriji ta' prodotti li għandhom jiġu rregolati.

Il-promozzjoni u l-akkwist ta' prodotti aktar sostenibbli

Filwaqt li r-rekwiżiti ta' prestazzjoni u informazzjoni dwar l-ekodisinn tal-prodotti se jippermettu lin-negozji u lill-konsumaturi jagħżlu prodotti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali, l-inċentivi u l-akkwist pubbliku tal-Istati Membri jista' jkollhom rwol akbar. Il-Kummissjoni diġà żviluppata diversi kriterji ekoloġiċi tal-akkwist pubbliku, iżda l-impatt tagħhom għadu limitat peress li l-użu tagħhom bħalissa huwa volontarju. Għalhekk, l-ESPR għandu l-għan li juża l-piż tal-infiq pubbliku biex jagħti spinta lid-domanda għal prodotti aktar sostenibbli mil-lat ambjentali billi jistabbilixxi **kriterji obligatorji għall-akkwist pubbliku** ta' dawn il-prodotti, u fejn xieraq juża kriterji volontarji eżistenti. Dan ifisser li l-awtoritajiet kontraenti se jkunu meħtieġa jużaw

¹⁴ COM(2020) 667 final

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2017/1369

kriterji ta' akkwist ekoloġiku biex jixtru gruppi speċifiċi ta' prodotti. Barra minn hekk, **l-inċentivi pprovduti mill-Istati Membri** jistgħu jiġu sfruttati permezz ta' rekwiżiti ta' sostenibbiltà ambjentali fuq il-prodotti li huma kkonċernati minn dawk l-inċentivi.

3. APPROĊĊ TRANSSETTORJALI GĦAL PRODOTTI SOSTENIBBLI

L-ESPR huwa mfassal biex ikun **koerenti u allinjat mal-leġiżlazzjoni u mal-politiki settorjali eżistenti u futuri**. Ladarba l-qafas tiegħu jkun fis-seħħ, ir-rekwiżiti tal-prodott se jiġu stabbiliti skont il-pjanijiet ta' ħidma pluriennali. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni bir-reqqa ta' fejn azzjoni regolatorja tkun meħtieġa l-aktar.

Fejn ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà ambjentali diġà huma stabbiliti f'livell sodisfaċenti fil-leġiżlazzjoni tal-UE, l-ESPR mhux se jiġi involut. Min-naħa l-oħra, fejn dawn ir-rekwiżiti huma neqsin, iżda l-potenzjal taċ-ċirkolarità, tal-enerġija u tal-effiċjenza fir-riżorsi, kif ukoll il-potenzjal li jitnaqqsu l-impatti klimatiċi u ambjentali ġenerali huma għoljin u jeħtieġu azzjoni, l-ESPR jiġi involut. Il-miżuri skont l-ESPR se jkunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt iddedikati, biex jiġu żgurati l-proporzjonalità, il-kunsiderazzjoni dovuta tad-dimensjoni internazzjonali u l-impatt fuq pajjiżi terzi, kif ukoll il-konsistenza ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

Tliet sitwazzjonijiet differenti jistgħu juru kif l-ESPR propost huwa mfassal biex jaħdem ma' inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika settorjali biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika.

Il-ħolqien ta' regoli ġodda tal-UE speċifiċi għall-prodotti: l-eżempju tat-tessuti

Għal prodotti fejn ma jkun hemm l-ebda liġi speċifika tal-UE li tistabbilixxi rekwiżiti obbligatorji dwar is-sostenibbiltà ambjentali, l-ESPR se jkun il-qafas ġuridiku li skontu għandhom jiġu stabbiliti regoli tal-UE. Dan huwa l-każ għat-**tessuti u għax-xedd tas-saqajn**. Filwaqt li dawn il-prodotti bħalissa huma soġġetti għal ċerti rekwiżiti tal-prodotti, pereżempju dwar is-sustanzi kimiċi¹⁶ u t-tikkettar¹⁷, ma hemm l-ebda rekwiżit speċifiku li jirregola ċ-ċirkolarità, eż. id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riċiklabbiltà u l-kontenut riċiklat.

Wara l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-ESPR, u soġġett għal valutazzjoni tal-impatt, din id-diskrepanza regolatorja se tiġi rimedjata permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja li tistabbilixxi rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-ekodisinn għall-prodotti tat-tessuti, rekwiżiti ta' informazzjoni u Passaport Diġitali tal-Prodotti. Bidliet immirati fit-tikkettar tat-tessuti se jitqiesu wkoll skont ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti¹⁸. Lil hinn mit-tessuti u skont l-istess loġika, prodotti prijoritarji oħrajn se jiġu identifikati fl-ewwel pjan ta' ħidma tal-ESPR (ara t-Taqsima 4).

Barra minn hekk, **l-istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli u ċirkolari** li l-Kummissjoni qiegħda tadotta bħala parti minn dan il-pakkett tippreżenta sett komprensiv ta' azzjonijiet li jmorru lil hinn mill-ESPR. L-għan huwa li dan is-settur jiġi ttrasformat u jinbidel mhux biss id-disinn tat-tessuti iżda tingħata wkoll spinta lill-mudelli tan-negozju

¹⁶ Ir-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), 1907/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 u d-Direttiva dwar ir-Restrizzjoni tal-Użu ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fit-Tagħmir Elettriku u Elettroniku (RoHS) 2011/65/UE tat-8 ta' Ġunju 2011.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011

¹⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011

ċirkolari u jitnaqqas l-iskart tat-tessuti, f'konformità mal-hteġa li jiġu żgurati l-affordabbiltà tal-konsumatur u l-kompetittività tan-negozju, u b'kunsiderazzjoni sħiħa tagħhom. Dan jimmarka wkoll it-tneġġja tal-proċess ta' kokreazzjoni tal-perkors ta' tranżizzjoni tal-ekosistema industrijali tat-tessuti.

L-ikkomplementar tar-regoli eżistenti tal-UE speċifiċi għall-prodott: l-eżempju tal-prodotti għall-bini, il-batteriji, l-imballaġġ u s-sustanzi kimiċi

Minħabba l-ambitu wiesa' tal-ESPR, xi prodotti koperti minnu se jkunu soġġetti wkoll għal leġiżlazzjoni separata speċifika għall-prodott. Għal dawn il-prodotti, bħala prinċipju ġenerali, l-ESPR se jintervjeni biss meta d-dimensjonijiet tas-sostenibbiltà ambjentali ta' dawk il-prodotti ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati b'mod sħiħ u xieraq minn strumenti oħra. Dan jagħmel ir-regoli tal-UE dwar prodotti speċifiċi aktar koerenti u jevita li jitpoġġa piż amministrattiv fuq in-negozji biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni tal-UE. Madankollu, wara l-konsultazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt meħtieġa, ċirkostanzi speċifiċi jistgħu jiġġustifikaw it-teħid ta' azzjoni mmirata anke skont l-ESPR. Dan jista' jagħmel sens meta l-prodott ikun parti minn prodott ieħor (eż. il-batteriji), marbut mill-qrib miegħu (eż. l-imballaġġ), jew meta jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' sostenibbiltà ambjentali għal grupp ta' prodotti.

Għalkemm **il-prodotti għall-bini** jaqgħu fl-ambitu tal-ESPR, minħabba l-hteġa li jiġu ġestiti r-rabtiet mill-qrib bejn il-prestazzjoni ambjentali u strutturali tagħhom, inkluż is-saħħa u s-sikurezza, huwa ġġustifikat li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' sostenibbiltà ambjentali skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini rivedut li huwa adottat bħala **parti minn dan il-pakkett dwar il-prodotti sostenibbli**. Madankollu, fil-każ ta' prodotti għall-bini relatati mal-enerġija, l-aspetti tas-sostenibbiltà se jiġu ttrattati primarjament skont l-ESPR, peress li diġà huma rregolati skont id-Direttiva dwar l-Ekodiżinn eżistenti. Madankollu, ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini rivedut jista' jintervjeni b'mod komplementari, fejn meħtieġ. Iż-żewġ Regolamenti proposti jinkludu dispożizzjonijiet biex jinżamm allinjament legali mill-qrib hekk kif ir-regoli jiġu żviluppati u implimentati.

Ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà għall-**batteriji** se jiġu ttrattati primarjament skont ir-regolament propost dwar il-batteriji¹⁹. Jekk ikun hemm il-hteġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi addizzjonali ta' sostenibbiltà, pereżempju għal applikazzjonijiet speċifiċi ta' batteriji fi prodotti oħra, l-ESPR jista' jkopri aspetti komplementari.

Fir-rigward tal-**imballaġġ**, ir-rekwiżiti essenzjali għall-imballaġġ permessi fis-suq tal-UE huma stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ²⁰ (PPWD), li bħalissa qiegħda tiġi riveduta. Madankollu, peress li l-imballaġġ ivarja ħafna skont il-kategorija tal-prodott, huwa għandu jkun wieħed mill-aspetti ewlenin li għandhom jiġu koperti meta jiġu żviluppati regoli tal-ESPR speċifiċi għall-prodott. Dan għandu jikkomplementa, b'regoli aktar immirati, ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-PPWD.

Fir-rigward tas-**sustanzi kimiċi**, il-qasam ta' kompetenza tal-ESPR huwa definit b'mod ċar: se jkun jista' jieħu azzjoni biex jillimita l-preżenza ta' sustanzi kimiċi fi prodotti għal raġunijiet marbuta mat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodott tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Dan jista' jikkomplementa l-liġi eżistenti li tirregola s-sustanzi kimiċi, bħal

¹⁹ COM(2020) 798 final

²⁰ Id-Direttiva 94/62/KE

REACH²¹, li l-fokus primarju tiegħu huwa li jiżgura s-sikurezza kimika, jew l-RoHS²², li tkopri biss it-tagħmir elettriku u elettroniku.

Regoli ġodda tal-UE skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn attwali: l-eżempju tal-elettronika tal-konsumatur

L-elettronika tikkostitwixxi l-fluss ta' skart tagħna li qed jikber bl-aktar rata mgħaġġla. L-utenti huma frustrati dwar kemm l-apparat tagħhom jinkiser malajr, isir obsolet malajr u ma jkunx jista' jiġi aġġornat jew imsewwi. Barra minn hekk, fl-UE nirkupraw biss ftit mill-komponenti jew mill-materjali, inklużi daww kritiċi²³, li jistgħu jerġgħu jintużaw biex isiru prodotti ġodda. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq miżuri ġodda tal-ekodisinn għall-ismartphones, għat-tablets u għal-laptops, li għandhom jiġu adottati kif identifikat fil-pjan ta' ħidma skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn eżistenti. Minbarra l-effiċjenza enerġetika u anke qabel ma l-ESPR il-ġdid se jissostitwixxi l-qafas eżistenti, il-miżuri se jkopru aspetti ewlenin oħra tal-ekodisinn għaċ-ċirkolarità, b'mod partikolari d-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija u r-riċiklabbiltà. Fl-istess kuntest, ir-regoli tal-ekodisinn għall-provvisti tal-enerġija esterni qegħdin jiġu riveduti, l-aktar fid-dawl tar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà u tal-ekonomija ċirkolari biex jikkomplementaw l-inizjattiva riċenti ta' Ċarġer Komuni adottata bħala reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju²⁴.

Minbarra l-iżvilupp tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-Kummissjoni nediet ukoll rieżami tar-regoli tal-UE li jirrestrinġu l-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku, jiġifieri d-Direttiva RoHS²⁵ bil-għan li jiġi żgurat li tilħaq l-oġġettivi tagħha bl-aktar mod effettiv u effiċjenti²⁶. Il-Kummissjoni qed tesplora wkoll għażliet biex tinċentiva t-teħid lura u r-ritorn ta' prodotti elettroniċi żgħar bħal mowbajls, tablets u ċarġers qodma maħżuna fid-djar. L-oġġettiv huwa li jiġi estiż it-tul tal-ħajja u li jittejjeb il-ġbir ta' daww il-prodotti, u b'hekk jissaħħu wkoll il-mudelli tan-negożju ċirkolari.

4. IL-METODU TAL-EKODISINN: L-IPPIANAR, IL-KONSULTAZZJONI, IL-KOKREAZZJONI

Il-politiki tal-UE dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija diġà huma effettivi ħafna fit-twassil tal-effiċjenza enerġetika. Dawn jiġġeneraw iffrankar għall-konsumaturi, inaqqsu d-dipendenza tagħna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija fossili u jnaqqsu t-tnaqqis fl-emissjonijiet. Matul l-aħħar għaxar snin, ġew stabbiliti regoli għal madwar 30 grupp ta' prodotti relatati mal-enerġija²⁷. Il-mira bir-reqqa permezz tal-adozzjoni ta' **pjanijiet ta' ħidma pluriennali** kienet ċentrali biex jiġu żgurati prijoritizzazzjoni, effettività u

²¹ Ir-Regolament 1907/2006 u d-Direttiva 2011/65/UE.

²² Id-Direttiva 2011/65/UE

²³ Il-Materja Prima Kritika (CRMs) hija dik ta' importanza kbira għall-ekonomija tal-UE u b'riskju għoli assoċjat mal-provvista tagħha. Ara wkoll: <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/d1be1b43-e18f-11e8-b690-01aa75ed71a1>

²⁴ COM(2021) 547 final

²⁵ Id-Direttiva 2011/65/UE

²⁶ Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Il-Kummissjoni qed tilqa' l-opinjoni jiet dwar ir-rieżami tar-regoli dwar sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku, https://ec.europa.eu/environment/news/european-green-deal-commission-seeks-views-reviewing-rules-hazardous-substances-electrical-and-2022-03-10_mt

²⁷ Fl-2020, huwa stmat li madwar 3 biljun prodott soġġetti għal miżuri ta' Tikkettar tal-Ekodisinn u/jew tal-Enerġija nbiegħu fl-UE. Dan jinkludi madwar 1,5 biljun sors tad-dawl, 880 miljun prodott elettroniku, 350 miljun tajer u 240 miljun prodott ieħor.

effiċjenza ċari skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn. Dan se jkompli jsir skont l-ESPR, abbażi ta' approċċ sod u robust għall-identifikazzjoni ta' prodotti prijoritarji.

Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-qafas tal-ESPR, il-pjan ta' ħidma **dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija għall-2022-2024** il-ġdid huwa adottat bħala parti minn dan il-pakkett. Dan jiżgura li, sakemm jidħol fis-seħħ il-qafas il-ġdid tal-ESPR, il-ħidma skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn attwali tista' tkompli għaddejja bl-istess pass, filwaqt li ġġib aktar tnaqqis fl-użu tal-enerġija kif ukoll fil-konsum tal-materjal minn prodotti relatati mal-enerġija. Prodotti oħra identifikati, bħal emittenti b'temperatura baxxa, joffru potenzjal ta' ffrankar tal-enerġija li jirrappreżenta biljuni ta' euro f'nefqa mnaqqsa għall-konsumatur. B'mod importanti, il-pjan ta' ħidma l-ġdid jiżgura li l-aspetti taċ-ċirkolarità jiġu indirizzati dejjem aktar sa fejn ikun fattibbli taħt il-qafas ġuridiku attwali.

B'mod parallel, il-Kummissjoni beħsiebha tibda l-ħidma skont l-ESPR propost biex tkopri prodotti ġodda u parametri ġodda. Hija għandha l-għan li tipproponi miżuri speċifiċi għall-prodott mingħajr dewmien, hekk kif il-qafas il-ġdid jidħol fis-seħħ. Sabiex jiġi żgurat li l-prijoritajiet it-tajbin jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u inklużiv, se tniedi konsultazzjoni pubblika dwar **il-kategoriji ta' prodotti li għandhom jintgħażlu taħt l-ewwel pjan ta' ħidma tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli** sa tmiem l-2022. Valutazzjoni preliminari li saret mill-Kummissjoni identifikat li l-kategoriji ta' prodotti bħat-tessuti, l-għamara, is-saqqujiet, it-tajers, id-deterġenti, iż-żebgħa, il-lubrikanti, kif ukoll il-ħadid, l-azzar u l-aluminju għandhom impatt ambjentali għoli u potenzjal għal titjib, u għalhekk huma kandidati xierqa għall-ewwel pjan ta' ħidma.

Is-suċċess tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn sal-lum huwa dovut ħafna **għall-kontribut mill-atturi ewlenin kollha, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod inklużiv, miftuħ u trasparenti**. L-ESPR se jibni fuq dan l-approċċ ta' kokreazzjoni, mit-tfassil ta' pjan ta' ħidma u l-prijoritizzazzjoni tal-prodotti, sal-valutazzjoni u l-iżvilupp tar-rekwiżiti l-ġodda kollha tal-prodott. **Il-Forum dwar l-Ekodisinn**, li jibni fuq il-Forum Konsultattiv eżistenti skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn²⁸, se jibqa' l-pjattaforma għal skambji mmirati bejn il-gruppi tal-partijiet ikkonċernati u fil-fażijiet ewlenin kollha tal-proċess, u b'hekk se jlaqqa' flimkien lill-industrija, lill-awtoritajiet tal-livell nazzjonali u lill-awtoritajiet tal-infurzar. Il-proċessi ta' konsultazzjoni u l-valutazzjonijiet tal-impatt birreqqa se jippreċedu u se jsostnu l-iżvilupp u l-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-prodott.

Ir-regoli l-ġodda tal-ESPR iridu jiġu sostnuti b'approċċi metodoloġiċi sodi, sabiex l-impatti ambjentali u klimatiċi tal-prodotti jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv permezz ta' rekwiżiti dwar l-aspetti ewlenin stabbiliti fl-ESPR. Minħabba l-firxa potenzjali ta' prodotti taħt il-qafas futur, se jkun essenzjali li tintgħażel u tiġi adattata l-aktar metodoloġija xierqa, skont il-prodott jew il-grupp ta' prodotti inkwistjoni u l-aspett ambjentali jew ċirkolari fil-mira. Dan l-approċċ se jibni fuq l-esperjenza miksuba skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn attwali, li se tkompli tiġi aġġornata, u fuq il-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti fejn xieraq. **Bħala prijorità, il-Kummissjoni se tiżviluppa metodoloġiji ġodda biex issostni l-aspetti taċ-ċirkolarità addizzjonali li jirriżultaw mill-ESPR**, inklużi pereżempju d-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija u l-

²⁸ <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3609&lang=mt>

metodoloġiji relatati mal-kontenut riċiklat, filwaqt li tqis ukoll ir-riżultati tar-riċerka tal-proġetti ffinanzjati mill-Programm Orizzont Ewropa.

5. IL-MUDELLI TAN-NEGOZJU ĊIRKOLARI

Minbarra li nagħmlu l-prodotti sostenibbli bħala n-norma, irridu ninvestu dejjem aktar u ninċentivaw l-adozzjoni ta' mudelli tan-negozju ċirkolari. Dawn jinkludu mudelli tal-prodott bħala servizz, kondiviżjoni bejn il-pari u loġistika inversa, manifattura fuq talba, użu mill-ġdid u servizzi ta' tiswija, biex insemmu xi wħud. Dan huwa meħtieġ biex titnaqqas id-domanda ġenerali għall-enerġija u r-riżorsi, u biex it-tkabbir jiġi diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi primarji.

Il-mudelli tan-negozju ċirkolari huma mfassla biex joħolqu u jiġbru l-valur filwaqt li jgħinu fl-ottimizzazzjoni u jllimitaw l-użu tar-riżorsi. Dan ifisser mhux biss rekwiżiti regolatorji speċifiċi għall-prodott iżda wkoll is-sinjali t-tajbin tas-suq għal mudelli tan-negozju ċirkolari biex il-produtturi jingħataw inċentiv ħalli jfasslu l-prodotti aħjar, jestendu l-ħajja tal-prodotti u jżommu l-valur tagħhom matul u wara l-użu. Pereżempju, bil-bejgħ ta' prodotti bħala servizz (muri mill-eżempju magħruf sew tal-bejgħ tad-dawl, u mhux tal-bozoz²⁹), iċ-ċaqliq u l-profitti tal-loġika ekonomika ma għadhomx jiddependu fuq il-volum ta' prodotti mibjugħin. Minflok, isir profittabbli li jiġi żgurat li l-prodotti pprovduti bħala servizz ikunu durabbli u li jistgħu jissewew, minħabba li s-sjieda tibqa' tan-negozju u l-ħtieġa li jinxtrow prodotti ġodda tkun kost tan-negozju.

Illum, għadu diffiċli li l-mudelli tan-negozju ċirkolari jibdew u jespandu. Ir-rekwiżiti tal-prodott skont l-ESPR se jstimulaw l-użu ta' dawn il-mudelli, peress li l-iżvilupp ta' attivitajiet ċirkolari jiddependi ħafna fuq il-karatteristiċi fiżiċi tad-disinn tal-prodotti, u fuq l-aċċess għad-*data* rilevanti. Barra minn hekk, il-passaporti diġitali tal-prodotti u l-użu intelliġenti tal-innovazzjoni b'kapacià diġitali jikkostitwixxu faċilitaturi kritiċi biex wieħed jimxi lejn mudelli ta' negozju ċirkolari. Madankollu, id-disinn u l-informazzjoni aħjar tal-prodott waħedhom mhux se jkun biżżejjed biex iwasslu għal bidla sħiħa fl-approċċi tan-negozju. Hemm ħtieġa ċara li jiġu identifikati l-konġestjonijiet, li jiġu identifikati mezzi effettivi biex tingħata spinta lill-użu ta' mudelli tan-negozju ċirkolari, li tiġi żgurata l-profittabbiltà tagħhom, li jkun magħmulin dejjem aktar attraenti għall-konsumaturi, li jiġu skambjati l-aħjar prattiki, u li jingħata parir imfassal apposta għan-negozji ġodda u eżistenti biex jaqilbu għal mudelli tan-negozju ċirkolari.

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni trid tlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati differenti fil-**Hub Ewropew tan-Negozju Ċirkolari** l-ġdid. Il-Hub se jappoġġa l-adozzjoni ta' mudelli tan-negozju ċirkolari, se jwassal informazzjoni u servizzi inkluż is-sensibilizzazzjoni, il-kooperazzjoni, it-taħriġ u l-iskambji tal-aħjar prattiki. Se jibni fuq l-għarfien espert u l-offerta ta' servizz tal-azzjonijiet eżistenti tal-UE, b'mod partikolari l-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari³⁰, il-Konsulenti tas-Sostenibbiltà tan-Network Enterprise Europe³¹ u n-network ta' raggruppamenti Ewropej tat-teknoloġija ekoloġika³².

²⁹ <https://ellenmacarthurfoundation.org/circular-examples/why-buy-light-bulbs-when-you-can-buy-light-signify>

³⁰ <https://circulareconomy.europa.eu/platform/>

³¹ <https://een.ec.europa.eu/>

³² <https://resourceefficient.eu/en/mt>

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tħejji **gwida dwar it-tisħiħ tal-mudelli tan-negozju ċirkolari** biex tgħin lin-negozji, lill-Istati Membri u lir-reġjuni jieħdu azzjoni. Dan se jinkludi gwida dwar id-direzzjoni tal-investment u l-finanzjament u l-ottimizzazzjoni tal-istokks u l-flussi tar-riżorsi lokali, bil-għan li jinħolqu valur u impjiegi ċirkolari. Il-Kummissjoni se toħroġ ukoll gwida³³ dwar kif jiġu appoġġati l-adozzjoni u s-sħubijiet għall-ekonomija ċirkolari bejn l-intrapriżi soċjali u atturi oħra, inklużi n-negozji mainstream.

Barra minn hekk, permezz tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa³⁴, il-Kummissjoni qed tappoġġa investimenti fil-ħiliet indispensabbli għall-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari. Skont il-Patt għall-Hiliet³⁵, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi sħubijiet fuq skala kbira li jlaqqgħu flimkien rappreżentanti tal-industrija, sħab soċjali u fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali³⁶.

6. L-GĦOTI TAS-SETGĦA U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATURI

Il-biċċa l-kbira tal-konsumaturi jrid ikollhom rwol attiv fit-tranżizzjoni ekoloġika³⁷. **L-ESPR se jappoġġa lill-konsumaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika.** Dan se jiżgura li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni ambjentali, u jipprovdi informazzjoni u tikkettar aħjar u aċċess akbar għal spare parts, għal aġġornamenti u tiswijiet, filwaqt li jqis l-affordabbiltà, iżid il-konvenjenza tal-konsumatur u jagħti aċċess lill-konsumaturi għal prodotti ta' kwalità ogħla.

Madankollu huwa wkoll meħtieġ li tiġi żgurata informazzjoni aħjar fil-punt tal-bejgħ u li tinbena l-fiduċja tal-konsumatur fl-asserzjonijiet li jagħmlu l-produtturi dwar il-benefiċċji ambjentali tal-prodotti tagħhom minn rajhom. Il-proposta dwar **l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika**³⁸ tippermetti lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet informati dwar ix-xiri.

Il-proposta se tintroduċi emendi mmirati għal-liġi orizzontali tal-konsumatur tal-UE³⁹ biex tiżgura li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'informazzjoni fil-punt tal-bejgħ dwar garanzija kummerċjali tad-durabbiltà tal-prodott, kif ukoll informazzjoni rilevanti għat-tiswija (inkluż punteġġ tal-possibbiltà ta' tiswija, kull meta dan ikun disponibbli). Se tipprojbixxi wkoll lin-negozjanti milli jagħmlu ċerti tipi ta' asserzjonijiet ambjentali meqjusa qarrieqa. Dan jinkludi asserzjonijiet ambjentali vagi (eż. "aħdar", "ekoloġiku", "tajjeb għall-ambjent") li ma humiex iġġustifikati u vverifikati b'mod adegwat f'konformità mar-regoli. Barra minn hekk, il-proposta se tipprojbixxi diversi prattiki assoċjati mal-obsollexenza bikrija, inklużi prattiki ta' obsollexenza ppjanata.

³³ Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali COM (2021) 778

³⁴ COM(2020) 274 final

³⁵ [Patt għall-Ħiliet - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

³⁶ Patti għall-Ħiliet diġà ġew stabbiliti f'ekosistemi industrijali bħall-Bini, il-Mikroelettronika, u t-Tessuti, il-Hwejjegħ, il-Ġilda u x-Xedd tas-Saqajn.

³⁷ 94 % tal-Ewropej jgħidu li l-ħarsien tal-ambjent huwa importanti għalihom personalment, u 68 % iqisu d-drawwiet tal-konsum tagħhom bħala li jaffettwaw l-ambjent b'mod negattiv. [Attitudes of Europeans towards the Environment - March 2020 - Eurobarometer survey \(europa.eu\)](#)

³⁸ COM(2022) 143

³⁹ Id-Direttiva 2005/29/KE dwar Prattiki Kummerċjali Żleali u d-Direttiva 2011/83/UE dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq il-proposta ta' **regoli aktar speċifiċi dwar asserzjonijiet ambjentali biex tagħti spinta lill-affidabbiltà, lill-komparabbiltà u lill-verifikabbiltà**, abbażi tal-metodi tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti u tal-Organizzazzjonijiet⁴⁰ u qiegħda tiżviluppa **inizjattiva biex thegħeġ it-tiswija tal-prodotti għall-konsumatur ("id-dritt għat-tiswija")**, bl-adozzjoni ppjanata fil-ħarifa tal-2022. Din l-inizjattiva se tikkomplementa l-ESPR u se tikkontribwixxi għall-effetti prattiċi tagħha billi tagħti lill-konsumaturi l-possibbiltà li jużaw il-prodotti mixtrija tagħhom aktar fit-tul billi tagħtihom id-dritt li jsewwu dawn il-prodotti.

7. IT-TMEXXIJA TAL-AĠENDA DWAR IL-PRODOTTI U L-MUDELLI TAN-NEGOZJU SOSTENIBBLI U ĊIRKOLARI FIL-LIVELL GLOBALI

L-UE għandha rekord tajjeb ta' promozzjoni għas-sostenibbiltà madwar id-dinja. Il-produtturi diġà jissodisfaw ir-regoli tal-UE dwar is-sustanzi perikolużi, l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija meta jqiegħdu l-prodotti fis-suq tal-UE. Il-proposti fil-pakkett ta' inizjattivi dwar prodotti sostenibbli se jikkontribwixxu għall-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Aġenda tan-NU tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Bl-espansjoni tas-swieq għall-prodotti ambjentalment sostenibbli, l-UE qed tipprova ssaħħaħ is-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-valur globali u tikkontribwixxi għal bidla pożittiva fil-pajjiżi sħab, li se jgħin biex jintlaħqu diversi Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Madankollu, l-azzjoni tal-UE waħedha ma hijiex biżżejjed u ma tistax twassal waħedha t-tranżizzjoni għal aktar sostenibbiltà ambjentali u ċirkolarità li teħtieġ id-dinja. Irridu naħdmu flimkien mas-sħab tagħna billi nsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali u nippromwovu l-ambizzjoni tagħna madwar id-dinja. L-UE se żżid **l-involvement tagħha ma' pajjiżi mhux tal-UE, fil-livell globali, reġjonali u bilaterali**, biex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, u biex tiffaċilita l-konformità mar-regoli l-ġodda, speċjalment ma' pajjiżi bi dħul baxx u medju. B'mod bilaterali, l-UE se taħdem fi sħubija ma' pajjiżi mhux tal-UE dwar il-bini tal-kapaċità, id-djalogu msaħħaħ, il-kooperazzjoni teknika, l-aċċess għal networks ta' appoġġ għan-negozju, l-aċċess għal finanzjament għal investimenti f'ekonomija ċirkolari, u l-iskambju tal-aħjar prattiki biex jiġu identifikati ostakli tekniċi potenzjali u biex jiġu promossi inizjattivi konġunti.

Fil-livell globali, l-UE se tkompli ssegwi l-aġenda tal-ekonomija ċirkolari f'fora multilaterali, fil-G7 u fil-G20, u fil-kuntest tal-Alleanza Globali għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza fir-Riżorsi. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-ħolqien ta' **Forum globali dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli** biex tiffaċilita diskussjoni wiesgħa bejn il-pajjiżi u l-partijiet ikkonċernati dwar il-laqgħa tas-sejħa reċenti tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent lill-Istati Membri "biex jittieħdu miżuri, f'kooperazzjoni mas-settur privat biex jittejjeb id-disinn tal-prodotti filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, biex jiġu promossi l-estensjoni tal-ħajja tal-prodott, it-tiswija, l-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ aktar faċli fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari bil-għan li jikkontribwixxu għall-kisba tal-effiċjenza fir-riżorsi⁴¹". L-UE se tkompli tappoġġa lin-NU u inizjattivi globali u multilaterali rilevanti oħra li jippromwovu l-

⁴⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet, ĠU L471/1

⁴¹ Riżoluzzjoni tal-UNEA 5 Enhancing Circular Economy as a contribution to achieving sustainable consumption and production, adottata fil-5 ta' Marzu 2022, UNEP/EA5/L17/REV.1

produzzjoni u l-konsum sostenibbli. Se tappoġġa u tgħin ukoll fit-tixrid tas-sejbiet tal-ħidma mwettqa mill-Bord Internazzjonali tar-Riżorsi. L-UE se tikkooopera mas-šhab kummerċjali tagħha fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, billi tikkondividi u tiddiskuti l-aħjar Prattiki dwar kif tiżdied iċ-ċirkolarità fil-ktajjen tal-valur globali, f'konformità mad-dritt domestiku u internazzjonali.

Fl-aħħar nett, il-proposta riċenti tal-Kummissjoni **dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva**⁴² se tikkontribwixxi biex tixpruna mudelli kummerċjali sostenibbli fil-livell globali. Il-proposta trawwem it-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà tal-kumpaniji fis-setturi kollha tal-industrija billi tirrikjedi li l-kumpaniji jindirizzaw u jqisu l-impatti negattivi fuq l-ambjent fil-ktajjen tal-valur globali tagħhom. Abbażi tar-regoli proposti, kumpaniji kbar jeħtieġ li jkollhom pjan biex jiżguraw li l-istrateġija tan-negozju tagħhom tkun kompatibbli mal-limitazzjoni tat-tiżhin globali għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

8. KONKLUŻJONI

L-inizjattivi dwar il-prodotti sostenibbli għandhom l-għan li jiżguraw li sal-2030 parti sinifikanti tal-prodotti disponibbli għall-konsumaturi tal-UE jkunu mfassla biex ikunu durabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, ikunu jistgħu jissewwew, riċiklabbli, u bi preferenza għall-materjali riċiklati. Kumpaniji mid-dinja kollha se jkunu jistgħu jikkompetu mingħajr ma jiġu mxejjla minn kumpaniji li jgħaddu l-kostijiet lis-soċjetà u lill-ambjent. Il-konsumaturi se jkollhom ukoll aċċess għall-informazzjoni li jeħtieġu biex jagħmlu għażliet aktar sostenibbli, se jkunu protetti aħjar kontra Prattiki li jagħmlu ħsara lit-tranżizzjoni ekoloġika, u se jkunu jistgħu jżommu l-prodotti tagħhom jiffunzjonaw kemm jista' jkun, filwaqt li l-kumpaniji se jkunu jistgħu jaċċessaw id-*data* li jeħtieġu biex jiżguraw is-sostenibbiltà ambjentali u i-ċirkolarità tal-prodotti u tal-mudelli tan-negozju tagħhom. Dawn l-azzjonijiet huma rakkomandati b'mod espliċitu miċ-ċittadini Ewropej fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, li appellaw għal politiki tal-ekonomija ċirkolari aktar b'saħħithom, inkluż dwar il-ġlieda kontra l-obsolessenza ppjanata u l-għoti ta' informazzjoni dwar kif il-prodotti għandhom jintużaw mill-ġdid u jissewwew.

L-impatt tal-pakkett ta' inizjattivi tal-lum se jinħass gradwalment. Ir-regoli ta' xi miżuri se jkunu applikabbli mad-dħul fis-seħħ; oħrajn se jieħdu ż-żmien minħabba l-qafas ġuridiku u t-tip ta' bidliet sistemiċi li huma se jinstigaw. Ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli se jippermetti approċċ b'diversi punti għar-regolamentazzjoni tal-prodotti – bidla radikali, li l-momentum tagħha se jinbena maż-żmien. Id-direzzjoni ġenerali u l-oġettivi se jkunu ċari sew minn qabel, billi jiġi stabbilit qafas transsettorjali komprensiv u billi jittieħdu passi ewlenin bħall-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ħidma. Dan se jagħti żmien lill-kumpaniji biex jagħmlu t-tnejniet organizzattivi u sistemiċi meħtieġa, anki qabel ma jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-prodott.

Il-proposti f'dan il-pakkett huma ċentrali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn se jagħtu kontribut konsiderevoli għall-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari għall-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050, biex tirdoppja r-rata ta' ċirkolarità tal-użu tal-materjal sal-2030 u biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-Unjoni Ewropea għall-effiċjenza enerġetika. Dawn se jikkontribwixxu wkoll għall-oġettivi tad-Deċennju Diġitali tal-2030, l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida, il-Pjan ta' Azzjoni tal-

⁴² COM(2022) 71 final

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, u se jibbenefikaw minnhom.

Il-proposti f'dan il-pakkett għandhom il-potenzjal li jgħinu lill-UE b'mod sinifikanti biex tilħaq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għall-2030, diment li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni tagħhom u jiġu implimentati malajr u b'mod effettiv.

Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha biex japprovaw l-approċċ u l-ambizzjonijiet ta' dawn il-proposti u biex jaħdmu favur l-adozzjoni u l-implimentazzjoni rapida tagħhom.